Fit-Tribunal Industrijali

DECIZJONI NUMRU 1824

Kaz Nru 1830MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Renato. J. Costigan

Vs

Malta Drydocks Corporation Industrial Projects and Services Limited u Malta Shipyards Limited

Illum : 12 ta' Novembru, 2007

Decizzjoni tat-Tribunal Industrijali

Illi t-Tribunal Industrijali ra r-rikors tal-intimat pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru 2007 fejn talab illi dan it-Tribunal joghgbu jawtorizza eccezzjoni ulterjuri tas-socjetajiet esponenti sabiex jigi eccepiet minn kull wahda minnhom illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li r-rikorrenti irrizenja volontarjament mill-impjieg tieghu u ghalhekk huwa nieqes fih l-interess guridiku rikjest mill-Ligi.

It-Tribunal ta' zmien lir-rikorrenti u l-Avukat tieghi jara dan ir-rikors u l-istess rikors gie trattat verbalment quddiem it-Tribunal Industrijali;

Illi l-intimat ecepixxa ulterjorment illi recentement sab d-dikjarazzjoni iffirmata mir-rikorrenti stess fejn accetta somma flus u iddikjara illi ma ghadux ebda pretenzjoni kontra s-socjetajiet intimati liema dikjarazzjoni giet iffirmata gimgha wara li gie pprezentat din il-kawza;

Illi r-rikorrenti ddikjara illi irid zmien sabiex jressaq il-provi ghax hu kien sforzat li jifferma din id-dikjarazzjoni;

Illi s-socjetajiet intimati iddikjaraw ukoll illi l-istess rikorrenti ma ddepozitax dawn il-flus il-Qorti taht protesta u kien propju issa meta s-socjetajiet intimati wrew din id-dikjarazzjoni lit-Tribunal li qieghed jitlob zmien hall jikkontesta l-validita tad-dikjarazzjoni tieghu stess.

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal qieghed jaccetta din l-eccezzjoni stante illi meta giet ipprezentata l-kawza ma kienx gie iffirmat dan il-ftehiem pero jaraha stramba kif propju erba' (4) snin wara li beda dan il-kas is-socjetajiet intimati pprezentaw dan ir-rikors meta kienet taf dawn il-fatt gja erba' snin ilu u t-Tribunal ma jistax hlief jikkondanna dan l-agir;

Illi pero l-istess Tribuinal ukoll ma jistax ma jikkundannax l-attitudini tar-rikorrenti li hu stess kien jaf li iffirma din id-dikjarazzjoni u propju issa ghax s-socjetajiet intimati gabet dan il-fatt a konjizzjoni tat-Tribunal li propju qieghed jikkontesta l-validita tad-dikjarazzjoni kif ukoll ma hà ebda mezz sabiex jikkontensta din id-dikjarazzjoni a tempo vergine u ha l-flus u zammhom;

It-Tribunal tenut kont tac-cirkostanzi tal-fatt illi r-rikorrenti ma kontestax id-dikjarazzjni tieghu stess meta gja ghaddew erba' (4) snin minn meta ghamel din id-dikjarazzjoni, tenut kont tal-fatt illi zamm il-flus u ma ddepozithomx taht protesta taht xi Awtorita Kompetenti qieghed jilqa r-rikors tal-intimat billi jilqa l-eccezzjoni kif ukoll wara li sema l-partijiet jitrattaw dan ir-rikors jilqa it-talba tas-socjetajiet intimati u jiddisponi b'din il-kawza billi jichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors odjern tieghu datata 20 ta' Novembru 2003 abbazi tar-raguni fid-dikjarazzjoni tieghu stess datata 28 ta' Novembru 2003 fejn acceta li jiehu somma flus minn ghand s-socjetajiet intimati bhala finali u li ma ghandu ebda jedd ghall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens iehor.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan r-rikors bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbgħin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

12/11/97

John Falzon
Membru

Carlo Cini
Membru

VERA KOPJA

Vincent Micallef
Segretarju